Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

Il-Każ M.9941 — Private Theory Luxco/ARC Group

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 325/16)

1. Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Private Theory Luxco Sàrl ("Private Theory Luxco", il-Lussemburgu) ikkontrollata minn Richard Cashin (ċittadin Amerikan);

— ARC Holdings SAS ("ARC Holdings", Franza), kumpaniji prinċipali tal-grupp ARC.

Private Theory Luxco takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' ARC Holdings kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Private Theory Luxco: attiva fix-xiri u l-ġestjoni ta' stokks f'kumpaniji oħra. Private Theory Luxco tikkontrolla wkoll l-ADI, spin-off tal-grupp ARC attiv fi Spanja u l-Portugall fid-distribuzzjoni ta' oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti użati għall-ikliet u oġġetti tal-kċina;

— ARC Group: attiv fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti ta' fuq il-mejda, b'mod partikolari oġġetti tal-ħġieġ, oġġetti użati għall-ikliet u oġġetti tal-kċina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

Il-Każ M.9941 — Private Theory Luxco/ARC Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.